MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 547/2006/1

**Gasan Mamo Insurance Ltd kif surrugata fid-drittijiet ta’ l-assigurata taghha Krea (Malta) Limited skond il-ligi u l-polza ta’ assikurazzjoni**

**vs**

**Attrans Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Jannar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta’ Gunju, 2006 fejn gie premess illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta’ tmien mija u tlieta u hamsin Lira Matlin u disgha u tmenin centezmu (Lm853.89c) rapprezentanti

hsarat fuq konsenja ta’ iron cabinets impurtata f’Malta minn Krea Malta Limited li inkarigat lis-socjeta` konvenuta iggorr il-merkanzija li waslet Malta fit-22 ta’ Gunju 2005 b’diversi hsarat li ghalihom Krea (Malta) Ltd giet kkumpensata mis-socjeta` attrici li b’hekk giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurata taghha.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta tad-19 ta’ Settembru 2006 fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda a spejjez tal-istess socjeta` stante li s-socjeta` konvenuta bl-ebda mod ma kienet responsabbli ghal allegat hsara fil-merkanzija tas-Socjeta` Krea (Malta) Limited.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` l-provi kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi in sostenn tal-posizzjoni attrici gie pprezentat affidavit ta’ Donald Mallia – *Logistics Manager* tas-socjeta` Krea (Malta) Ltd.

Donald Mallia jghid illi l-konsenja twasslet fil-warehouse f’Rahal Gdid mix-xufier tas-socjeta` konvenuta u meta bdew jifthu l-kaxxi sabu 19 il-cabinet danneggjat. Jghid illi “*kif indunajna*” “*minnufih*” informa lis-socjeta` assikuratrici taghhom u baghtu surveyor fuq il-post.

Esebixxa e-mail datata 11 ta’ Lulju 2005 li permezz taghha gharraf lis-socjeta` konvenuta illi kienu sabu hsarat u jghid fl-istess e-mail “*the problem is that the outside packaging had no*

*signs of damages and it was only when we opened them that we could see the extent of the damage*" – Dok DM2.

Dok DM3 hija ittra mibghuta mis-supplier Preti Srl li tikkonferma illi l-merkanzija ntbaghtet fi stat tajjeb u li l-mod kif tghabbiet il-merkanzija u giet trasportata mis-socjeta` konvenuta ma kinitx wahda ideali – idoneja. Di fatti s-supplier jikkonkludi li kwalsiasi danni huma frott tat-trasportatur.

Xehed Kurt Caruana, *Claims Handler* tas-socjeta` attrici, li qal illi tqabbad surveyor, Paul Ellul u sar hlas skond ir-rapport ta' l-istess surveyor.

L-istess Paul Ellul xehed illi spezzjona l-cabinets fid-19 ta' Lulju 2005. Esebixxa wkoll kopja tas-survey – Dok PE1, u esebixxa kopja aktar dettaljata bid-dokumenti kollha annessi fi stadju ulterjuri – Dok PE2. Jghid (6.03.07) illi l-merkanzija sabha kollha fil-pakketti u nfetah kollox fil-presenza tieghu.

Illi s-socjeta` konvenuta ghazlet illi ma tressaqx provi peress illi fi kliem id-difensur taghha "*il-provi tieghu gia gew pprezentati fil-kors tal-provi tas-socjeta` attrici*".

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi essenzjalment is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-hsarat misjuba ma' sarux fil-kors tat-tragitt tal-merkanzija. In sostenn ta' dan id-difensur tas-socjeta` konvenuta jiddikjara fit-trattazzjoni illi :

(a) Krea (Malta) Ltd accettaw id-delivery minghajr rizervi.

(b) Il-hsara kienet evidenti mill-bidu (vide ritratt a fol 55) , u

(c) Il-konsenja saret fit-22 ta’ Gunju 2005 u s-survey sar madwar erba` gimghat wara, fid-19 ta’ Lulju 2005 – allura l-konsenja kienet ilha erba` gimghat ghand is-socjeta` Krea (Malta) Ltd.

It-Tribunal wiezen dawn l-argumenti in sostenn ta’ l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta – u filwaqt illi jtihom piz, b’dana kollu mill-provi jirrizulta illi :

(a) Ir-rapport dwar il-hsarat sar lis-socjeta` konvenuta fil-11 ta’ Lulju 2005. Kien sar anke qabel lis-socjeta` estera, kif jirrizulta mir-risposta ta’ Preti Srl.

(b) Preti Srl iddikjarat illi hija harrget il-merkanzija fi stat tajjeb.

(c) Illi t-trasportatur ma kellux mezzi adegwati sabiex jorbot l-merkanzija u di fatti s-socjeta` estera Preti Srl iddubitat l-mod kif l-merkanzija tghaddiet u giet trasportata.

Illi dawn il-fatti ma humiex kkontestati u s-socjeta` konvenuta ma` ressqt ebda prova li turi kif hi ghabbiet u t-trasportat il-merkanzija.

Illi huwa minnhu illi s-socjeta` Krea (Malta) Ltd damet tlett gimghat sabiex ghamlet rapport lit-trasportatur, pero` ma` jirrizultawx provi sufficjenti li jindikaw illi l-hsara saret fuq il-merkanzija meta din kienet fil-mahzen ta’ Krea Limited.

Anzi irid jinghad illi hija ghamlet ir-rapport taghha l-ewwel lis-socjeta` estera wara biss gimghatejn. Huwa minnu illi fuq l-fattura ma` saru ebda rizervi, u dan jista` jkun nuqqas tas-socjeta` Krea (Malta) Ltd – pero` dan ma jfissirx illi t-Tribunal ghandu jkun konvint illi l-hsara saret fl-imhazen ta’ Krea (Malta) Ltd.

Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti – inoltre` mhux kkontestati mis-socjeta` konvenuta - it-Tribunal ihoss illi s-socjeta` attrici ppruvat il-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi fi proceduri bhal dawn, filwaqt illi s-socjeta` konvenuta setghet qajjmet dubbju in sostenn tat-tezi taghha, pero` dan ma hux bizzejjed u sufficjenti biex it-Tribunal jilqa` l-eccezzjoni taghha. Is-socjeta` konvenuta ghazlet li tistrieh fuq il-provi prodotti mis-socjeta` attrici u ma ressqet xejn minn jeddha in sostenn ta' l-eccezzjonji taghha. Dan iwassal sabiex it-Tribunal ma jistghax ihossu komdu u sodisfatt illi jilqa` l-eccezzjoni taghha. IIli lanqas ma` hija kkontestata l-quantum per se.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies il-provi kollha prodotti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici filwaqt illi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' elf disa' mija u disgha u tmenin Euro u tlett Euro centezmi (€1989.03) (Lm853.89) bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.**"**

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-argoment ewlieni illi in bazi ghall-provi l-hsara fil-merkanzija avverat wara l-konsenja minnha lis-socjeta` importatrici Krea (Malta) Ltd;

Jirrizulta ghal dawk li huma l-fatti sostanzjali tal-kaz illi s-socjeta` msemmija Krea (Malta) Limited ordnat minghand kumpanija fl-Italja konsenja ta' *filing cabinets*. Ghat-trasport taghhom inkarigat lis-socjeta` konvenuta. Il-merkanzija, imballegata *f'cartons*, ingarret fi *groupage trailer* u din giet konsenjata lis-socjeta` importatrici fit-22 ta' Gunju, 2005. Waqt il-process tal-ftuh tal-*cartons* instab li numru ta' *filing cabinets* kienu fi stat danneggjat;

Di regola, il-kuntratt ta' trasport hu wiehed konsenswali, generalment karatterizzat mill-partecipazzjoni ta' tliet soggetti, ossija t-trasportatur, l-ispedizzjonjier u d-destinatarju. Il-mod ta' dan it-trasport jista' jvarja skond it-tip ta' kuntrattazzjoni. F'dan il-kaz, kif anke jirrizulta min-Notice of Arrival tas-socjeta` konvenuta (fol. 38), it-trasport kien wiehed regolat "*under CMR conditions*". Jigifieri, skond it-titolu Franciz taghha, "*Convention relative au Contrat de Transport International de Marchandises par Route*";

Hu provvdut fl-artikolu 17 (1) ta' din il-Konvenzjoni, fid-dizzjoni Ingliza taghha, illi "*the carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery*". Jikkonsegwi minn dan l-artikolu illi malli l-merkanzija tigi affidata lit-trasportatur din tghaddi taht il-kontroll u l-kustodja tieghu u hu jsir id-detentur taghha fl-interess ta' l-esportatur jew tar-ricevitur. Dan, s'intendi, sal-mument li dak il-kontroll fuq il-merkanzija jghaddi f'idejn ir-ricevitur;

Biex jiskansa ruhu mir-responsabilita` ghan-nuqqas jew dannu fil-merkanzija, it-trasportatur jehtieglu jiddemostra ghal konvinciment ta' min irid jiggudika illi dak in-nuqqas jew dannu sehh ghal xi raguni mhux imputabbli lilu skond xi wahda mill-eccezzjonijiet kalendati fis-subinciz (2) ta' l-istess artikolu 17, u cjoe, li dak l-istess telf jew hsara "*was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as a result of its wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*" B'rabta ma' dan hi disposizzjoni esplicita, ex-artikolu 18 (1) ta' l-istess Konvenzjoni, illi "*the burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier.*" Fi kliem iehor, jaggrava fuq it-trasportatur l-oneru

li jipprova li hu ma kienx negligenti u li d-dannu sehh f'cirkustanzi li ma kienux prevedibbli jew evitabbli. Minn dan l-aspett ma hemm xejn gdid li ma nsibuhx ukoll fl-Artikolu 1630 tal-Kodici Civili taghna relattiv ghar-responsabilita` tal-vettural u, dawk, tal-principji generali tad-dritt dettati fl-Artikoli 1133 u 1134 ta' l-istess Kodici;

Premessi dawn il-preliminari, hi t-tezi centrali tas-socjeta` appellanti illi l-hsara fil-merkanzija avverat wara li hi ghamlet il-konsenja taghha lis-socjeta` destinatarja. Dan, hi testrajih mill-prova tar-ritratti esebiti indikanti hsarat esterni fl-imballagg u ghall-fatt li l-*claim* lilha giet avvanzata dsatax-il jum fuq li l-merkanzija giet skarikata u kkonsenjata fil-mahzen tas-socjeta` ricevitrici. Ghal din il-Qorti din id-deduzzjoni tas-socjeta` appellanti mhix perswasiva. Kien jinkombi fuqha li turi positivament l-ezistenza ta' konnessjoni kawzali probabbli bejn xi attivita` tas-socjeta` ricevitrici u d-dannu riskontrat u li dan id-dannu effettivament sehh fl-intervall bejn il-konsenja minnha tal-merkanzija u l-iskoperta tal-hsara attwali;

Il-Qorti necessarjament tifhem ill b'dik id-difiza argomentativa taghha s-socjeta` appellanti trid twassal it-tezi taghha sal-punt illi kif dettat fis-subinciz (4) ta' l-artikolu 17 tal-Konvenzjoni hi tkun ezenti mir-responsabilita` jekk jirrizulta li t-telf jew id-dannu jemergi mill-"*handling, loading, storage or unloading of the goods by the sender, the consignee or persons acting on behalf of the sender or the consignee*" [subpara. (c)]. Hi pero` l-fehma tal-guristi fuq is-soggett, illustrata wkoll f'gurisprudenza estera, illi "*if another possible cause of the damage can be shown to exist by the claimant the carrier will be unable to prove the existence of any such probable causal connection and will therefore not avoid liability under Article 17 (4) (c).*" Ara **Hill u Messent**, "**CMR: Contracts for the International Carriage of Goods by Road**", Edizzjoni 1984, Lloyd's of London Press Ltd, pagna 95;

Fil-kaz prezenti l-atti istruttorji tal-kawza juru li attwalment kienet tezisti kawza alternattiva tad-dannu minn dik prospettata mis-socjeta` appellant b'mera ipotesi. Din l-identifikazzjoni posittiva tal-kawza u li, fil-fehma tal-Qorti, tat lok ghad-dannu kienet l-assenza tas-socjeta` appellanti li tadotta dawk il-mizuri kollha idoneji skond il-kreiterju tad-diligenza ordinarja biex tassikura li l-merkanzija tkun munita b'irbit adegwat waqt il-kors tal-vjagg. Dan hu sew indott mill-osservanza maghmula mis-socjeta` esportatrici fl-Italja fejn fl-ittra taghha tat-8 ta' Lulju, 2005 (fol. 16) ikkummentat illi "*durante il carico del camion presso il nostro magazzino abbiamo notato che il camion era privo di centinature, sponde e cinghie per il fissaggio della merce*". Mhux lanqas eskluz illi fuq kliem is-sewwieq ta' l-istess *trailer*, kif rapportat f'din l-ittra, "*era possibile che arrivato al porto la merce veniva scaricata e caricata di nuovo per ottimizzare lo spazio*";

Is-socjeta` appellanti mhux biss ma tikkontestax l-osservazzjonijiet maghmula fl-ittra msemmija, izda, ukoll, ghazlet li ma tipproduci ebda xhieda, la biex tikkonfuta dan u lanqas biex issostni l-asserzjoni taghha ta' dik il-kawza konnettiva l-ohra tad-dannu, li baqghet injota u mhux specifikata;

F'dawn ic-cirkustanzi hi l-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti li s-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex taghmel il-prova liberatorja li, fit-termini tal-Konvenzjoni, kien jispetta lilha li taghmel. Mhux il-kaz, allura, li l-Qorti, kif mitluba, tilqa' l-invit taghha ghar-revoka tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------